**26 ta' Novembru, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D.**

Dottor Remigio Zammit Pace *noe*

*versus*

Thomas Catania et

**Kolliżjoni – *Proper Look Out* – Kontroll tal-Karrozza – Surroga**

*Sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss għandu jżomm "a proper look out" imma wkoll kontroll sħiħ fuq il-vettura tiegħu. A parti minn "speed" kull xufier għandu joqgħod attent li jżomm distanza raġonevoli mit-traffiku ta' quddiemu b'mod li f'każ ta' waqfien f'daqqa u imprevist tali xufier ikun fi grad li jiffrena l-vettura tiegħu tempestivament.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li fit-28 ta' Novembru 1978 fin-*National Road*, Blata l-Bajda, għall-ħabta tat-3.20 p.m., il-karrozza *Morris Marina* numru 80832 misjuqa minn Henry Grima kienet involuta f'kolliżjoni mal-karrozza numru 93722 misjuqa minn John Demicoli, mal-karrozza numru 21812 misjuqa mill-konvenut Muscat u mal-karrozza numru 55242 misjuqa mill-konvenut Catania;

Premess li l-karrozza 80832 ta' proprjetà tas-soċjetà "*Wembley Motors Ltd.*" kienet, fil-ġurnata ta' l-inċident, assikurata mas-soċjetà instanti;

Premess li l-istess karrozza sofriet ħsara fil-kolliżjoni, u l-attur *nomine* ħallas lis-soċjetà assikurata s-somma ta' mitejn u erba' u sittin lira u sitta u tletin ċenteżmu (Lm264.36,0), b'surroga ta' drittijiet skond skrittura tad-9 ta' Frar, 1980;

Premess li l-kolliżjoni fuq imsemmija saret minħabba negliġenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taż-żewġ konvenuti;

Premess li bl-aġir tagħhom il-konvenuti kkawżaw dannu lis-Soċjetà instanti konsistenti fil-ħlas li hi kellha tagħmel ta' l-ammont fuq imsemmi lill-assikurat;

Talab għalhekk l-attur *nomine* li din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-attur *nomine* għandu dritt jaġixxi kontra l-konvenuti *in virtù* tas-surroga fuq imsemmija li saret favur tiegħu mis-soċjetà "*Wembley Motors Limited*";

2. fi kwalunkwe każ tiddikjara li l-konvenuti solidalment huma responsabbli għad-danni li sofra l-attur *nomine;*

3. tikkundannhom, *in solidum* bejniethom, iħallsu lill-attur *nomine* bħala rifużjoni ta' kumpens imħallas kif ukoll in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta' mitejn u erbgħa u sittin lira Maltija u tlieta u sittin ċenteżmu (Lm264.36,0) bl-interessi mill-21 ta' Frar 1980;

Bl-ispejjeż, komprizi dawk taż-żewġ ittri ufficjali ta' l-20 u tat-28 ta' Frar 1980, kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Thomas Catania fejn eċċepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ma ddikjarax li qed jaġixxi bħala ssurrogat ta' l-assikurat tiegħu jew bil-polza jew bil-liġi u għall-ewwel lok irid jipprova l-interess tiegħu fil-ġudizzju;

2. Illi l-eċċipjent ma kienx responsabbli għad-danni kkaġunati fil-karrozza numru 80832 u fi kwalunkwe każ ma hemmx solidarjetà bejn il-konvenuti;

3. Illi għalhekk l-esponenti ma għandux jiġi kkundannat iħallas danni lill-attur *nomine;*

Rat ukoll in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-ieħor Alfred Muscat li eċċepixxa illi t-talbiet attriċi fil-konfront tiegħu huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li hu ma kien bl-ebda mod responsabbli għall-ħsara li ġrat fil-karrozza numru 80832 fl-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom;

Rat id-dokumenti esebiti;

Eżaminat l-atti kollha tal-każa u senjatament ir-relazzjoni peritali ppreżentata mill-perit legali minnha nnominat;

Ittrattata l-kawża;

*Ikkunsidrat illi* fir-rigward ta' l-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut Catania l-attur *nomine* esebixxa dokument imnejn jidher li hu kien qiegħed jaġixxi f'din il-kawża skond il-polza ta' l-assikurazzjoni maħruġa favur is-soċjetà *"Wembley Motors Ltd."* u bl-istess dokument ġie ssurrogat fid-drittijiet tagħhom kollha. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut Catania qiegħda tiġi rriġettata;

*Il-ħabta ġrat billi waqfet vettura misjuqa minn John* Demicoli sabiex dan irikkeb *"pedestrian"*. Dina dehret mossa kemmxejn subitanea u perikoluża però, b'danakollu, il-karrozza li kienet tinsaq warajh u misjuqa minn Henry Grima waqfet tempestivament u l-istess ġara fir-rigward tat-tielet karrozza misjuqa minn Alfred Muscat, wieħed mill-konvenuti. Ma jidhirx li l-konvenut Thomas Catania kien daqstant attent għaliex bil-vettura li kien isuq ħabat mat-"tielet" karrozza li kien hemm quddiemu u din imbuttat *a sua volta* lit-tnejn ta' quddiemha. Irriżulta wkoll, fuq preponderanza ta' provi, li l-art kienet imxarrba fil-ħin ta' l-inċident;

Intqal kemm-il darba li sewwieq li jkollu traffiku quddiemu mhux biss għandu jżomm *"a proper look out"* imma wkoll kontroll sħiħ fuq il-vettura tiegħu. A parti minn *"speed"*, kull xufier għandu joqgħod attent li jżomm distanza raġonevoli mit-traffiku ta' quddiemu b'mod li f'każ ta' waqfien f'daqqa u imprevist – kif ġara f'dana l-każ – tali xufier ikun fi grad li jiffrena l-vettura tiegħu tempestivament. Dan kollu l-konvenut Catania m'għamlux u l-ħabta ġrat għalhekk unikament tort tiegħu. Ma jidhirx ippruvat li l-vetturi li kienu jinsaqu quddiem Catania kienu maħbutin diġà qabel ma ħabat magħhom hu bil-vettura tiegħu. Il-perit legali kkonkluda li l-ħabta ġrat tort ta' l-*imsemmi* konvenut Catania u l-Qorti taqbel miegħu. Għalhekk,

il-konvenut Catania għandu jwieġeb għad-danni kkaġonati fuq il-vettura assikurata ma' l-attur *nomine*. Skond kont iddettaljat esebit mill-attur *nomine tramite* Paul Barberi *"Claims Manager"* tagħhom – jirriżulta li l-kont komplessiv tad-danni jammonta għal Lm301.86ċ, minn liema somma però jrid jiġi dedott l-ammont ta' Lm37.50ċ dwar *"loss of use"* li ma rriżultawx li tħallsu. Għalhekk, id-danni atturi kienu ta' Lm264.36ċ;

In riepilogu, għalhekk, l-attur *nomine* kellu d-dritt jaġixxi kontra l-konvenut in virtù tas-surroga esebita li tikkonferma wkoll mad-dispost ta' l-artikolu 1165 tal-Kodiċi Ċivili. Jirriżulta wkoll li l-konvenut Thomas Catania għandu jinżamm unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku li ġara fit-28 ta' Novembru 1978 fil-Blata l-Bajda. Fl-aħħarnett id-danni ta' l-attur *nomine* ġew illikwidati għall-ammont ta' Lm264.36ċ (mitejn u erbgħa u sittin lira Maltija u sitta u tletin ċenteżmu);

Fir-rigward tat-tieni talba, kif proposta mill-attur *nomine*, din ma tistax tiġi akkolta *stante* li ma kien hemm ebda responsabbilità solidali u f'dan is-sens ukoll it-tielet talba għandha tiġi milqugħa **biss** fil-konfront tal-konvenut Catania, għar-raġunijiet suesposti;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża kif ġej billi:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ssollevati mill-konvenut Thomas Catania u tiddikjara lill-istess konvenut unikament responsabbli għall-inċident tat-traffiku surreferit;

2. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Alfred Muscat;

3. Tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur *nomine;*

4. Tilqa' t-tielet (3) talba ta' l-attur *nomine* in kwantu diretta kontra l-konvenut Thomas Catania fl-ammont hemm indikat, oltre interessi kif mitlub sal-ħlas effettiv;

5. Tiċħad it-tieni talba attriċi kif proposta b'dan illi tiddikjara unikament responsabbli lill-konvenut Catania;

Il-kap ta' l-ispejjeż għandu jitħallas ukoll mill-konvenut Thomas Catania ad eċċezzjoni però ta' l-ispejjeż ġudizzjarji relattivi għall-konvenut Alfred Muscat li għandhom jinqasmu nofs bin-nofs (50:50) bejn l-istess attur *nomine* u l-konvenut Thomas Catania.